**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.)S.**
**Onor. Albert Manchè B.A., LL.D.**

Joseph M. Formosa *noe*

*versus*

Carol Peralta *noe et*

## Proċeduri bil-Miktub - Għeluq

*Il-liġi tipprovdi li l-proċedura bil-miktub f'kull kawża għandha tiġi magħluqa: fil-Qorti ta' l-ewwel grad fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur u fil-Qorti fi grad ta' appell fiż-żmien perentorju ta' sena.*

*Iżda l-liġi tkompli tgħid li l-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-għeluq tal-proċess tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.*

Il-Qorti:-

Din hija kawża ta' ritrattazzjoni ad istanza ta' Rudolph Xuereb *nomine* minn deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fl-14 ta' Jannar, 1991 f'liema kawża r-ritrattanti kienu l-atturi u l-appell li tiegħu qiegħda tiġi mitlub r-ritrattazzjoni kien sar biss mill-Avukat Dottor Philip Attard Montalto in rappreżentanza tas-soċjetà P.A.M. Limited;

Ir-ritrattant *nomine* qiegħed javvanza sensiela ta' aggravji in sostenn tat-talba tiegħu u dawn qegħdin jiġu kollha kkontestati mir-ritrattati;

Illi fl-istadju inizzjali tat-trattazzjoni l-Avukat Dottor Lofaro għal Dr. Philip Attard Montalto *nomine* ssolleva l-

eċċezzjoni fis-sens li l-odjerna proċedura illum hija deżerta għar-raġuni li "l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa fi żmien ġimgħa";

Għar-ritrattant, Dr. Dominic Cassar wieġeb li dina l-eċċezzjoni ta' Dottor Attard Montalto mhijiex sollevabbli għaliex dan ġie notifikat fit-terminu. *Żied ukoll -ara verbal tas-seduta datata l-14 ta' Ġunju, 1996 a fol. 266/267 tal-proċess, li:*

"Ir-ritrattat Dr. Carol Peralta *nomine* jekk veru ġie *notifikat wara t-terminu xorta ma ssollevax din l-eċċezzjoni fir-*risposta u għadda biex għamel eċċezzjonijiet fil-meritu mingħajr ma ssolleva din l-eċezzjoni preġudizzjali";

Fl-aħħarnett li fil-kawża fl-ismijiet **Bugeja** *vs* **Agius** deċiża finalment minn din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju, 1996 eċċezzjoni simili kienet ġiet dikjarata bħala waħda inammissibbli;

Illi mis-suespost jidher li għal fini ta' din id-deċiżjoni li qiegħda llum tingħata ma hemmx il-ħtieġa li tiġi riprodotta d-deċiżjoni li tagħha qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni billi l-punt li ser jiġi deċiż ma jirrigwardax *il-meritu bħala tali imma għandu* x'jaqsam għalissa biss ma' preġudizzjali ta' natura proċedurali, jiġifieri dwar jekk il-proċedura għal fini ta' ritrattazzjoni marritx deżerta jew le għar-raġuni mogħtija għan-nom ta' Dottor Attard Montalto *nomine* u *jekk allura hemmx każ ta'* deżerzjoni ai termini ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12;

L-artikolu 963 tal-Kap. 12 jitratta dwar id-deżerzjoni tal-kawżi u dwar l-għeluq tal-proċedura bil-miktub jiddipona hekk fis-subartikolu (1) jiġifieri li:

"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 416 u 420 il-

proċedura bil-miktub f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-Qorti ta' l-ewwel grad fiż-żmien perentorju ta' sitt (6) xhur, u fil-Qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena";

Dan iż-żmien - ara subartikolu 2 - jibda jiddekorri "minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ta' l-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata. Jingħad ukoll illi l-effett tad-deżerzjoni (subartikolu 6) huwa dak li permezz tagħha l-proċedura ta' l-appell (fil-każ in eżami ta' ritrattazzjoni) tispiċċa u s-sentenza tgħaddi in ġudikat;

Mill-atti jirriżulta illi l-petizzjoni ta' ritrattazzjoni mir-ritrattant ġiet ippreżentata fl-1 ta' Settembru, 1993. Din ġiet notifikata lill-Dottor Philip Attard Montalto LL.D. fl-14 ta' Settembru, 1993 li wieġeb għaliha fis-17 ta' Settembru, 1993 (ara atti a fol. 254 *et seq* tal-proċess). Meta inkwantu jikkonċerna r-ritrattat Attard Montalto *nomine* kollox sar entro ż-żmien imsemmi mil-liġi dwar proċedura;

Illi bl-istess petizzjoni ma kienx ukoll ġie notifikat mill-ewwel ir-ritrattat l-ieħor (ara riferti a fol. 252 tal-proċess), u ċjoè Dr. Carol Peralta *nomine*. Hemm infatti riferta negattiva li turi li dan ma kienx ġie notifikat fil-15 ta' Settembru, 1993 iżda in segwitu ġie notifikat fil-11 ta' April, 1995. Kjarament jidher li fil-każ tar-ritrattat Dr. Peralta *nomine*, kienet għaddiet aktar minn sena bħala żmien sakemm dan ġie notifikat bil-petizzjoni u li huwa wieġeb għaliha bil-miktub fil-15 ta' Mejju, 1995 (fol. 260);

Illi kif tajjeb ġie rrilevat mir-ritrattanti *nomine* permezz tad-difensuri legali tiegħu, ir-ritrattat Peralta *nomine* ankorkè notifikat ferm wara d-dekors ta' sena msemmi mil-liġi proċedurali dan ma ssolleva l-ebda preġudizzjali bħax-xorta li tqajjem in segwitu mir-ritrattat l-ieħor u invece l-istess Dr.

Peralta *nomine* intavola serje ta' risposti dwar il-meritu tal-kwistjoni. Jiġi inoltre rrilevat li fl-ewwel risposta mogħtija mir-ritrattat l-ieħor Attard Montalto LL.D. *nomine* ma hemm ebda referenza għal di deżerzjoni billi għal dak li kien jikkonċerna lilu, l-imsemmi ritrattat *nomine* kien ġie notifikat u rrisponda entro s-sena;

Illi wara li fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 963 tal-Kap. 12, il-liġi ssemmi x'setgħa għandha l-Qorti f'kawżi li għadhom mhumiex magħluqa is-subartikolu (4) imbagħad jiddisponi li:

"B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti li ma tkunx ġiet notifikata b'att meħtieġ għall-għeluq tal-proċess tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni" (sottolinejar tal-Qorti);

Fil-fehma tal-Qorti l-liġi hija ċara biżżejjed u ma jidhirx li hemm iżjed x'wieħed jgħid għaliex l-atti proċesswali surriferiti juru aktar milli suffiċjentement li l-preġudizzju imqanqal mir-ritrattat Dr. Attard Montalto *nomine* huwa infondat. Issir ukoll referenza għad-deċiżjoni *in parte* mogħtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 1996 (fil-kawża fl-ismijiet **Mary armla ta' George Bugeja *nomine et* vs George Agius *noe et*** (Ċitaz. nru. 725/75) li ġiet deċiża finalment fl-14 ta' Ġunju, 1996;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mir-ritrattat Dottor Philip Attard Montalto LL.D. *nomine* waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju, 1996 u għalhekk tordna bil-

prosegwiment tal-kawża fuq il-bqija tal-vertenza;

Il-kap ta' l-ispejjeż jibqa' riservat sal-ġudizzju finali.